A.L. 28 ta' l-1984

ATT TA' L-1975 DWAR L-UFFIĊĊJU TAL-POSTA (ATT NRU. XXXV TA' L-1975)

Regolamenti ta' l-1984 dwar il-Ħinijiet u x-Xogħol ta' l-Uffiċċji tal-Posta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1975 dwar l-Uffiċċju tal-Posta, il-Ministru tal-Kummerċ u Ippjanar Ekonomiku għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1984 dwar il-Ħinijiet u x-Xogħol ta' l-Uffiċċji tal-Posta u għandhom jibdew iseħħu fis-16 ta' Ġunju, 1984.

Ħinijiet tax-xogħol ta' Uffiċċji tal-Posta.

2. (1) Il-ħinijiet tax-xogħol fl-Uffiċċju Ġenerali tal-Posta, fl-Uffiċċju tal-Pakki tal-Posta u fil-Fergħat ta' l-Uffiċċju tal-Posta għandhom ikunu kif ġej:

(a) *Uffiċċju Ġenerali tal-Posta — Valletta*

Matul il-perijodu mill-1 ta' Ottubru sal-15 ta' Ġunju:

Mit-Tnejn sas-Sibt — mit-8.00 a.m. sas-6.30 p.m.

Matul il-perijodu mis-16 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru:

Mit-Tnejn sas-Sibt — mis-7.30 a.m. sas-6.00 p.m.

(b) *Fergħat ta' l-Uffiċċju tal-Posta f'Malta u f'Għawdex (barra minn dik ta' l-Ajruport ta' Ħal Luqa)*

Mit-Tnejn sas-Sibt — mis-7.30 a.m. sas-12.45 p.m.

(ċ) *Fergħa ta' l-Uffiċċju tal-Posta fl-Ajruport ta' Ħal Luqa*

Mit-Tnejn sas-Sibt — mis-7.30 a.m. sas-7.00 p.m.

(d) *Uffiċċju tal-Pakki tal-Posta — Valletta*

Matul il-perijodu mill-1 ta' Ottubru sal-15 ta' Ġunju:

Mit-Tnejn sal-Ġimgħa — mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m.
mis-1.45 p.m. sal-5.00 p.m.

Matul il-perijodu mis-16 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru:

Mit-Tnejn sal-Ġimgħa — mis-7.30 a.m. sas-1.15 p.m.

(2) Meta btala pubblika taħbat f'ġurnata fost il-ġimgħa, l-Uffiċċju Ġenerali tal-Posta, l-Uffiċċju tal-Pakki tal-Posta u l-Fergħat ta' l-Uffiċċju tal-Posta jinżammu magħluqa jekk ma jiġix avżat xort' oħra mill-*Postmaster General*.

(3) Meta Dipartimenti tal-Gvern oħra jagħlqu qabel il-ħin ta' l-egħluq tas-soltu, l-Uffiċċju Ġenerali tal-Posta, l-Uffiċċju tal-Pakki tal-Posta u l-Fergħat ta' l-Uffiċċju tal-Posta għandhom jagħlqu f'dak il-ħin li jiġi speċifikat b'avviż maħruġ mill-*Postmaster General*.

(4) L-Uffiċċju Ġenerali tal-Posta, l-Uffiċċju tal-Pakki tal-Posta u l-Fergħat ta' l-Uffiċċju tal-Posta, jew kull wieħed minnhom, jistgħu jinżammu magħluqa f'xi ġurnata partikolari minħabba xi okkażjoni partikolari u l-ħinijiet tax-xogħol f'xi ġurnata bħal din dwar xi wieħed mill-imsemmija uffiċċji jew dwarhom kollha jistgħu jkunu differenti minn dawk murija fil-paragrafi ta' qabel, kif jiġi speċifikat b'avviż maħruġ mill-*Postmaster General*.

(5) L-Uffiċċju tal-*Cash* fl-Uffiċċju tal-Pakki tal-Posta għandu jagħlaq ħmistax-il minuta qabel il-ħin ta' l-egħluq ta' dak l-uffiċċju.

Tmexxija ta' xogħol postali.

3. (1) Ix-xogħol postali li għandu jitmexxa fl-Uffiċċju Ġenerali tal-Posta u fil-Fergħat ta' l-Uffiċċju tal-Posta għandu jkun dan li ġej:

(a) bejgħ ta' bolli u *stationery* postali;

(b) reġistrazzjoni ta' ittri;

(ċ) ħruġ u ħlas ta' *Postal* u *Money Orders;*

(d) ħlas ta' *Premium* u *Dividend Warrants* maħruġa mid-*Director of Savings* tar-Renju Unit;

(e) ħlas ta' *Postcheques;* u

(f) kull xogħol postali ieħor;

Iżda —

(i) fil-Fergħat ta' l-Uffiċċju tal-Posta jista' jitmexxa wkoll ix-xogħol ta' impustar u kunsinna ta' pakki u l-ħlas ta' kontijiet tat-telefon;

(ii) ebda kunsinna ta' pakki ma għandha ssir fil-Fergħat ta' l-Uffiċċju tal-Posta fl-Ajruport ta' Ħal Luqa u fi Triq l-Ifran, Valletta;

(iii) ebda ħlas ta' kontijiet tat-telefon ma għandu jiġi aċċettat fil-Fergħat ta' l-Uffiċċju tal-Posta fl-Ajruport ta' Ħal Luqa, fi Triq l-Ifran, Valletta u fir-Rabat, Għawdex;

(iv) pakki domestiċi jistgħu jiġu aċċettati għall-impustar nhar ta' Sibt fl-Uffiċċju Ġenerali tal-Posta.

(2) Ix-xogħol postali li jitmexxa fl-Uffiċċju tal-Pakki tal-Posta jkun l-impustar u l-kunsinna ta' pakki.

Jirrevoka l-A.L. 113 ta' l-1979.

4. Ir-Regolamenti ta' l-1979 dwar il-Ħinijiet u x-Xogħol ta' l-Uffiċċji tal-Posta huma b'dan revokati.